MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tad-19 ta' Frar, 2004

Ċitazzjoni Numru. 454/1995/1

**Godwin Xerri bħala *managing director* għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Sea Malta Company Limited*; u b'dikriet tal-5 ta' Lulju 1999 assuma l-atti tal-kawża Joseph Bugeja bħala *general manager* għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *Sea Malta Company Limited* minflok Godwin Xerri**

***Versus***

**Il-Kontrollur tad-Dwana; u Carmelo *sive* Charles Ellul Sullivan u Philip Azzopardi bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà *J. Cachia Caruana Ltd*; u Andrew Ellul Sullivan u Joseph Ellul Sullivan bħala diretturi għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà** *Tessons Limited*

Din is-sentenza dwar talba tas-soċjetà konvenuta *Tessons Limited* biex tiġġustifika l-kontumaċja tagħha.
F'din il-kawża s-soċjetà attriċi qiegħda tfittex għad-danni li ġarrbet meta xi *containers* tagħha nqabdu b'mandati

kawtelatorji maħruġa fi proċeduri ġudizzjarji bejn il-konvenut Kontrollur tad-Dwana min-naħa l-waħda u ż-żewġ soċjetajiet konvenuti min-naħa l-oħra.
Il-konvenuti kollha kienu notifikati biċ-ċitazzjoni u bl-avviż tas-smigħ; is-soċjetà konvenuta *Tessons Limited* kienet notifikata fl-1 ta' Ġunju 1995. Għalkemm iż-żewġ konvenuti l-oħra ressqu l-eċċezzjonijiet tagħhom fiż-żmien li trid il-liġi, *Tessons Limited* ma għamlet xejn, u kien biss fit-2 t'Awissu 2002, aktar minn seba' snin wara n-notifika, li b'rikors talbet illi "tiġġustifika l-kontumaċja apparenti tagħha u dan minħabba raġunijiet illi fil-fehma tagħha jiġġustifikawha", mingħajr, iżda, ma fissret x'inhuma dawn ir-raġunijiet.
Wara illi kemm is-soċjetà attriċi kif ukoll il-konvenut Kontrollur tad-Dwana opponew għat-talba, il-qorti, b'dikriet tat-12 ta' Jannar 2004, tat lil *Tessons Limited* għoxrin jum biex b'nota tgħid speċifikament x'inhuma r-raġunijiet li jiġġustifikaw ir-raġunijiet tagħha. *Tessons Limited* baqgħet ma għamlet xejn.
Il-qorti rat illi, wara n-notifika taċ-ċitazzjoni u ta' l-avviż tas-smigħ fl-1 ta' Ġunju 1995, kien hemm okkażjonijiet oħra fejn *Tessons Limited* kienet notifikata b'xi att ġudizzjarju relativ għal din il-kawża, fosthom nota b'*affidavit* notifikata fit-2 ta' Novembru 1998[1], żewġ noti oħra, waħda notifikata fl-14 ta' Diċembru 1998[2], u l-oħra fid-19 ta' Jannar 1999[3], u rikors notifikat fis-26 t'April 2002[4].
Minkejja dan kollu, kif rajna, kien biss fit-2 t'Awissu 2002, wara li kienet inġabret parti sew mix-xhieda, li *Tessons Limited* għamlet xi ħaġa dwar il-kontumaċja tagħha.
Dan juri illi:
1. *Tessons Limited* wriet traskuraġni kbira meta għamlet it-talba tagħha daqshekk żmien wara n-notifika;
2. *Tessons Limited* baqgħet ma qalitx x'kienet ir-raġuni biex ma ressqitx l-eċċezzjonijiet tagħha fiż-żmien li tagħti l-liġi; u
3. għalkemm, minkejja dawn in-nuqqasijiet kollha, il-qorti tatha okkażjoni oħra, bid-dikriet tat-12 ta' Jannar

---

1 *Fol.* 90 *tergo.*

2 *Fol.* 98 *tergo.*

3 *Fol.* 105 *tergo.*

4 *Fol.* 151 *tergo*

2004, biex tfisser ir-raġunijiet tagħha, *Tessons Limited* baqgħet ma għamlet xejn.

Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti hija tal-fehma mhux biss illi lil *Tessons Limited* ma seħħilhiex li tiġġustifika l-kontumaċja tagħha, iżda wkoll illi, f'dawn iċ-ċirkostanzi, ir-rikors tat-2 t'Awissu 2002 kien abbuż tal-proċess ġudizzjarju u ħela tal-ħin tal-qorti. Imġieba bħal din ma jistħoqqilhiex indulġenzi.

Għalhekk tiċħad it-talba magħmula minn *Tessons Limited* bir-rikors tat-2 t'Awissu 2002, u tikkundannaha tħallas l-ispejjeż ta' dan l-episodju.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------